**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 407/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Kenneth Xuereb**

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Kenneth Xuereb, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0014176(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-25 ta' Frar 2022 bejn l-22:32hrs u 00:30 tas-26 ta' Frar 2022, ġewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Permezz ta' xi network jew appartat ta' komunikazzjoni elettronika, inġurja u/jew hedded lil Christopher Zarb u Liam Zarb bi kliem.
2. U aktar talli għamel użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Novembru 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49(a) u 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, iddikjarat lil Kenneth Xuereb ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u kkundanatu għall-ħlas ta' multa ta' ħamest elef Ewro (€5,000) liema somma għandha titħallas fi zmien tletin (30) ġurnata mid-data tas-sentenza b'dana illi jekk ma jsirx tali ħlas, l-ammont sħiħ jew il-bilanċ li jkun fadal

jinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin euro (€35) jew parti minnhom. Il-Qorti ukoll ħarġet Ordni ta' Trazzin fil-konfront ta' Kenneth Xuereb bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment mas-sentenza, liema digriet jifforma parti integrali mill-istess.

Rat ir-rikors tal-appellant Kenneth Xuereb, ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel aggravju u għalhekk tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija;
2. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, fin-nuqqas, u ċioe' f'każ li l-ewwel aggravju ta' dan l-appell ma jintlaqax, dina l-Qorti hija mitluba tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u tinfliġġi piena iktar idonea u inqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel aggravju ta'l-appellant huw marbut mal-mertu u l-apprezzament tal-provi magħmul in prim'istanza meta jilmenta li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx biżżejjed provi sabiex tissostanzja l-imputazzjonijiet lilu addebitati, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, kif ukoll ma resqitx l-aħjar prova. Huwa jelenka numru ta' nuqqasijiet, fosthom illi:

(i) Iċ-ċirkostanzi marbuta mad-dati u l-ħin meta allegatament twettqu r-reati ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament;

(ii) Ma ġiex identifikat in-numru tal-*mobile* li minnu allegatament intbagħtu l-*voice messages* inkriminatorji mertu ta' dan il-każ;

(iii) Ma nġabitx prova li l-allegati *voice messages* inbagħtu bil-*whatsapp* f'data u ħin partikolari;

(iv) Ma nġabet l-ebda prova dwar x'konnessjoni jista' jkollhom in-numri 99304288 u 77304288 ma' Christopher Zarb u Liam Zarb;

(v) Ma nġabet l-ebda prova dwar x'konnessjoni jista' jkun hemm bejnu u n-numru li minnu fir-rapport ingħad li ntbagħtu l-messaġġi in kwistjoni.

Illi, l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' l-appellant raw it-twelid tagħhom nhar is-26 ta' Frar 2022 meta l-parte ċivile Christopher Zarb u Liam Zarb irrikorrew għand il-Pulizija sabiex jagħmlu rapport u dana "**a rigward theddid u insulti permezz ta'** ***voice messages*** **fuq** ***whatsapp***". *Inoltre*, mill-*PIRS Report*, formanti parti mill-atti *de quo*, jirriżultaw, *inter alia*, is-segwenti fatti –

> ***Both Christopher and Liam stated that they are registered with the telephonic company Epic. Christopher's mobile number is 99304288 whilst Liam's mobile number is 77304288.***
>
> ***Liam received voice messages at:***
>
> ***22:32hrs with insults such as: Pufta kollok, Nigdmilkom wiċċkom, Liba, Inqattalu mnieħru, Mur għand il-Pulizija għamel rapport ħa nifqalek għoxx il-mejtin tiegħek.***
>
> ***22:38hrs- Kif nixrob intkom imwerwrin id-dar ħa tkunu serraħ rasek a liba mur għamel rapport għand il-pulizija għax ħa naħxilek l-ommok.***
>
> ***22:38 – U dik il-liba ħoxna li għandek nifqala għoxx il-mejtin tagħha fimt u lil dik il-liba missierek nigdiemlu wiċċu il-pjazza kif itina nifs.***
>
> ***22:52 – Mela għandkom xi cancer ġo grizmejkom, barri bil-qrun ta' ċerva, qisek immankat, liba.***
>
> ***22:57 – Ara ma taħsibx li ħa ninsikom xi darba, dik il-liba l-ħoxna u dak il-liba missierek jibla' l-ostja u jaħra x-xjaten jien taf x'nagħmel nibla lilkom u naħrakom kollha kemm intkom a liba.***
>
> ***22:58hrs – Għadkom lanqas tafu x'bieb ħabbattu.***
>
> ***22:59hrs – Tistgħu twaqqgħu in-nies ħaqq al liba Madonna minn ħol blokkok a liba imma bħali għadkom qatt ma sibtu ara ma tiġux il-pjazza għax nigdmilkom wiċċkom kollha wieħed wieħed ġib ir-razza tiegħek kollha fimt.***
>
> ***Christopher received voice messages at:***
>
> ***22:48hrs – Pufta kollok haw qiegħed jien, mur għand il-pulizija u għidilhom li hawn wieħed għala bieb zobbu u anqas jekk tarrestawh, hawn wieħed ħa***

*jifqani, mur għidilhom a liba ħa naħxilek wiċċek foxx il-mejtin tiegħek, lilek, l-dik il-liba Jennifer u t-tifel tiegħek naħxikom mid-dinja ħa nirrepjakom a liba.*

*22:49hrs – Muqran, nissagrifikak ħa qal liba Madonna, qed ngħidulek messaġġ biex ikollok bid-dikjarar meta tmur il-qorti, qed tisraqli l-art.*

*00:31hrs – ħa nfaqqa lilek, lil Liam, lil Aron, lil Jennifer, ħa nfaqqakom kollha.*

*00:33hrs – m'għandekx annimal il-kwalita' tiegħi ġej għalik.*

*Christopher also received a message: I will finish this not you bitch ... you'll see what door you knocked pufta ... no matter what law will say this will be personal for ever!!*

*Kenneth Xuereb also posted on facebook saying Chris tan-Northern Key Bugibba imbruljuni m awx.*

Illi, l-parti leża Christopher Zarb xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarr li xogħolu kien li jibni u jbiegħ l-appartamenti. Mistoqsi dwar kif jaf lill-appellant u x'involviment kellu miegħu, Zarb wieġeb li -

> **"... kont nafu, narah hekk il-pjazza ta' Bugibba at random. Iġifieri ġieli tkellimna imma ma kienx hemm konnessjoni, pero' f'punt minnhom it-tifel tiegħi u persuna oħra għamlu transazzjoni ta' propjeta', xtraw konvenju propjeta' u wara ftit ta'zmien ċedewha. Irrizulta li mir-riċerki ta' min biegħilna, ma kienux sodisfaċenti, kellhom sehemijiet neqsin allura t-transazzjoni tal-propjeta' ma setgħetx issir u għadna taħt l-istess sitwazzjoni. Peress li konna biegħniha lis-Sinjur u lil kuġinih, kien hemm disgwit bejn iz-zewġ kuġini ..."**

Illi, Christopher Zarb kompla jispjega illi:

> **"Is-Sinjur ħadha kontrina li aħna qed inrawmu xi ħaġa minn taħt, qed noħolqu sitwazzjoni minn taħt. Ovvjament aħna qagħdna fuq il-parir tan-Nutar li għamel ir-riċerka li qed jgħidilna isma jiena minix lest nikkonkludi l-kuntratt għax ir-riċerki mhux tajbin pero' is-Sur Xuereb ħaseb li hemm xi ħaġa, li qed naħdmu kontrih jew xi ħaġa, u l-ewwel darba kont irċevejt xi messaġġi bil-miktub u kienu ta' tonalita' ħarxa, mhux se taħxuni, mhux se nagħmel hekk u injorajthom, inċempillu wara u noqgħod kwiet hemm u qisu tikkalmah u jien mhux se nkellmu umbagħad joqgħod. Pero' għandi l-perijodi għadda, fejn l-affarijiet ġew iktar ċari li hemm problemi fit-titlu. Dan prattikament, irċevejna voice messages ħarxin, kemm jiena u kemm it-tifel tiegħi ... kienu tonalita ħarxa li jiena sal-lum noqgħod attent inħares kull darba warajja għax it-tonalita kienet qawwija, kienet qawwija ħafna u bla bazi, lanqas li kieku kellu bazi ma tagħmilhom, aħseb u ara li jsiru bla bazi ..."**

Illi, finalment, għalkemm Zarb ma kienx ċert fir-rigward taż-żmien meta irċeva dawn il-messaġġi isostni madanakollu li dawn il-messaġġi mingħand l-appellant huwa kien irċevihom għal ħabta ta' Frar tas-sena 2022.

Illi, Liam Zarb ukoll xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarr li ilu jaf lil appellant madwar sena u nofs jew sentejn u dana għaliex kienu għamlu ftheim ta' kompro-vendita ma' terza persuna fejn kien ġie iffirmat konvenju, iżda ftit wara għamlu wegħda ta' ċessjoni mal-appellant. Huwa kompla jgħid li "**imbagħad x'ħin ir-riċerki rrizultaw li huma ħziena, bdejna nirċievu dawn it-theddid bil-voice recording**". Jikkonferma li dawn il-messaġġi irċevihom fi Frar tas-sena 2022. *Inoltre*, jispjega li l-lingwaġġ użat mill-appellant fil-konfront tagħhom f'dawn il-messaġġi "**... kien ħafna aggressiv, kien hemm ukoll anke theddid ta' ħajja**". Tant kienu aggressivi, li Zarb xehed li minn dakinhar -il quddiem beda' joqgħod attent meta joħroġ għax beda iħossu mhedded.

Illi, finalment, Charmaine Zammit, in rapprezentanza tal-kumpanija *Epic*, ikkonfermat li n-numri 77304288 u 99304288 huma reġistrati mal-provditur tas-servizz *Epic* u jgħajjtu lil *North Key Real Estate Limited*.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant huwa mixli bir-reat imfassal fl-artikolu 49(a) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' illi għamel użu minn '**xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika'** sabiex **'(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew (c) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih'.**

Illi, fis-sentenza ta' dina l-Qorti, diversament preseduta datata 7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet '*Il-Pulizija versus Joseph Frendo*' kien ritenut li meta l-liġi titkellem dwar "theddid", dan jikkontempla kliem fejn "**aġent ikun qed jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta, liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess aġent.**"

Ukoll, f'sentenza oħra mogħtija minn dina l-Qorti, diversament preseduta fl-ismijiet "*Karmenu Cutajar vs Pawlu Cassar*", datata 25 ta' Ġunju 1952, kien ritenut li "**Meta**

**bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteġġjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-ġlied, dak l-atteġġjament jammonta għal minaċċja reali u verbali**." U kompliet:–

> "**... biex ikun hemm tali theddid is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, ġesti jew b'mod ieħor – xi forma ta' ħsara inġusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv. Huwa veru li ma hemmx għalfejn li l-ħsara prospettata tkun determinata fis-sens li jiġi indikat b'xi grad ta' preċiżjoni l-interess, ġuridikament relevanti, tas-suġġett passiv li jkun qed jiġi minaċċat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jgħid: "*...e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace*'"**.

Illi, *in oltre*, speċifikament dwar ir-reat ikkontemplat fis-sub-inċiż (c) ġie superjorment deċiż li -

> **"Meta fil- paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola *eiusdem generis*, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu bħala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (c) msemmi in kwantu huma messaggi li talanqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min ircevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola *eiusdem generis* għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi."[1]**

Illi, ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Francine Cini"[2] " ġie ritenut li –

> **""uzu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haġa taħt il-kappa tax-xemx, magħduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta ta' theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti. It-theddid irid ikollu wkoll ilkaratteristika fundamentali li jkun jipprospetta xi forma ta' ħsara inġusta."**

**Ikkunsidrat:**

[1] App.Inf. Il-Pulizija vs Alfred Grech deciza 19/07/2013 App. Nru.344/2012.

[2] Deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati fl-24 ta' Lulju 2017.

Illi, l-appellant jibda' sabiex jilmenta li ċ-ċirkostanzi tad-dati u ħin meta allegatament twettqu r-reati addebitati lilu ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament. Minn eżami akkurat taċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-parametri temporali li fih kienu kommessi r-reati mertu ta' dan il-każ huma '*bejn il-25 ta' Frar 2022 fl-22:32hrs u is-26 ta' Frar 2022 fin-00:30hr*'. Illi kemm Christopher Zarb kif ukoll Liam Zarb xehdu li l-appellant bagħtilhom il-*voice messages* inkriminatorji fi Frar tas-sena 2022. *In oltre*, mill-*affidavit* redatt minn PS 949 M.Calleja, jirriżulta li l-parti leża Zarb għamlu r-rapport nhar is-26 ta' Frar 2022 filwaqt li fil-*PIRS Report* hemm imnizzel li tali rapport sar fid-disgħa neqsin kwart ta' filgħodu. Ukoll, fl-istess *PIRS Report* appena msemmi hemm indikat il-ħin tal-messaġġi in kwistjoni, u ċioe, fir-rigward ta' Liam fil-ħin tal-22:32hrs, 22:38hrs, 22:52hrs, 22:57hrs, 22:58hrs, 22:59hrs u fir-rigward ta' Christopher Zarb il-messaġġi intbagħtu fil-ħin tal-22:48hrs, 22:49hrs, 00:31hrs u 00:33hrs. Għalhekk, dan l-aggravju ċertament ma jistħoqqlux akkoljiment.

Illi, ukoll l-appellant jilmenta li fl-ebda mument ma ġie identifikat in-numru taċ-ċellulari li minnu allegatament intbagħtu l-*voice messages* mertu ta' dan il-kaz. Illi għalkemm dan huwa minnu, madanakollu kemm Christopher Zarb kif ukoll Liam Zarb xehdu li kien l-istess appellant li bagħtilhom dawn il-messaġġi, tant li spjegaw ir-retroxxena warajhom u dak li wassal għall-attitudni aggressiva u intimidatorja tal-appellant fil-konfront tagħhom. Tant hu hekk illi saħansitra fil-kontro-ezami magħmul mid-difiza lil dawn iż-żewġ xhieda donnu jidher li kien konċess li kien l-appellant li filfatt bagħat dawn il-messaġġi. Dan qed jingħad għaliex il-mistoqsijiet li saru ma kenux, ai fini ta' identifikazzjoni *o meno* ta' min bagħat il-messaġġi, imma kienu diretti sabiex ikun stabbilit it-ton li bih intbagħtu fejn saħansitra l-istess difiza tagħmel aċċenn għall-vuċi ħoxna u maħnuqa tal-appellant sabiex tipprova tiġġustifika t-tonalita' deskritta bħala aggressiva mill-vittmi. Inoltre kemm Chirstopher zarb kif ukoll Liam Zarb jikkonferma illi huma għarrfu leħen l-appellant f'dawn il-messaġġi. Fid-dawl ta' dawn il-motivi din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha tinsab moralment konvinta mil-verzjoni tal-fatti mogħtija mill-vittmi.

Illi, ukoll l-appellant jilmenta li ma nġabet ebda prova dwar x'konnessjoni jista' jkollhom in-numri 99304288 u 77304288 ma' Christopher Zarb u Liam Zarb. Illi qabel

xejn il-Qorti tagħmel refernza għax-xiehda mogħtija mir-rappreżentat tas-soċjeta' *Epic* fejn ikkonfermat illi dawn in-numri *MSISDN* jgħajjtu lis-soċjeta *North Key Real Estate Limited*. Irriżulta ukoll li l-appellant kien kiteb *post* fuq il-pjattaforma tal-*Facebook* fejn jsejjaħ lil '*Chris tan-Northern Key*' bħala "***imbruljuni***", sabiex huwa l-appellant stess li jistabbilixxi dan in-ness. Finalment, kemm Christopher Zarb kif ukoll Liam Zarb ikkonfermaw li huma rċevew dawn il-messaġġi fuq in-numri tal-*mobiles* rispettivi tagħhom, u għaldaqstant hemm biżżejjed evidenza sal-grad mistenni mill-prosekuzzjoni sabiex tistabbilixxi illi n-numri li fuqhom ġew ipperċepiti l-messaġġi inkriminatorji kienu jagħmlu użu minnhom is-sinjuri Zarb.

Illi, għalhekk minn eżami tal-atti proċesswali odjerni, huwa indubitat illi l-appellant bagħat numru ta' *voice messages* lill-parte ċivile, liema messaġġi kellhom fil-kontenut tagħhom kliem oxxen u aggressiv. Fil-fatt kemm Christopher Zarb kif ukoll Liam Zarb xehdu li ħassewhom mhedda bil-kliem li lissen l-appellant u li qanqlilhom biza' tant li bdew ikunu ferm aktar kawti fil-movimenti tagħhom minn dak iż-żmien 'l hawn. Dan ifisser li ġie ppuvat mingħajr dubbju dettat mir-raġuni li kliem l-appellant intimidahom, għamlilhom ħsara, dejjaqhom u vvessahom u għaldaqstant, dak l-istess għemil tal-appellant huwa tali li jikkostitwixxi l-att materjali tar-reati ravviżati fl-Artikoli 49(a) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk huwa ndubitat li z-zewġ imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant ġew ppruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fir-rigward. B'hekk ma hemm xejn sindikabbli fis-sentenza mpunjata u għaldaqstant dan l-aggravju tal-appellant marbut mal-mertu ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant jisħaq li l-piena mposta fuqu hija waħda ħarxa żżejjed.

Illi, jibda' biex jingħad il-piena ikkontemplata għar-reat li dwaru l-appellant kien misjub ħati hija dak tal- "**multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000)**". Jikkonsegwi illi l-multa ta' €5,000 imposta fuq l-appellant hija waħda *entro*

il-parametri tal-liġi, hija ferm 'il bogħod mill-massimu, u fuq kollox hija waħda li tirrispekkja l-gravita' tar-reat kif rifless fil-messaġġi intimidatorji, oxxeni u ripetuti mibgħuta mill-appellant lill-vittmi tiegħu. Għaldaqtsant ma teżisti l-ebda raġuni valida 'il għala l-piena erogata fil-konfront ta'l-appellant għandha tiġi riformata b'xi mod u għalhekk anke dan l-aggravju qed jiġi respint.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bit-terminu ta' 30 jum konċess għal ħlas jibda jiddekorri mil-lum. Kif ukoll it-terminu ta' tlett snin li fih għandu jkun fuq saqajh l-Ordni ta' Trażżin ukoll jibda jiddekorri mil-lum.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**